**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 13 t'Ottubru 2016**

**Pulizija**

**Supretendent Ian Joseph Abdilla**

**Vs**

**Kurt Galea**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Kurt Galea ta' 47 sena, bin Victor u Maria Clara nee' Borg Olivier, imwieled Sliema fis-16 ta' Gunju 1967, u li joqghod f'Numru 20, Villa Fairview, Triq V. Boron, Naxxar. Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 243667M;

Talli f'Settembru 2013 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma t'aktar minn elfejn, tliet mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Yani Ellul, liema somma giet

fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datat 20 ta' April 2015, fejn gew indikati l-Artikoli relattivi li tahthom l-imputati kellhom ighaddu in gudikat;

Rat illi l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi ttrattata sommarjament minn din l-istess Qorti;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-mertu ta' din il-kawza huwa wiehed purament civili. Il-partijiet kienu dahlu fi ftehim bejniethom, fejn l-imputat kien il-kuntrattur imqabbad minn Ellul sabiex jaghmel xi xogholijiet. Dawn ma tlestewx fiz-zmien miftiehem bejniethom, u ghalhekk Ellul kien ipprezenta kwerela kriminali lill-Pulizija, li min-naha taghha, wara li saret l-investigazzjoni mehtiega, hadet passi kontra l-imputat.

Mill-provi prodotti huwa evidenti li l-kuntratt ta' xoghol bejn il-partijiet kien wiehed legittimu, u ma kien hemm ebda messa in scena jew misapproprjazzjoni da parti tal-imputat. Fl-istqarrija tieghu, Galea jispjega x'kienu r-ragunijiet ghad-dewmien tat-tlestija ta' dawk ix-xoghlijiet. Ma rrisulta ebda uzu differenti tal-flus mghoddija minn Ellul hlief ghall-uzu ta' xiri ta' materjal u oggetti ohra marbuta mal-istess kuntratt ta' appalt. Il-flus li thallsu minn Ellul kienu kollha ghax-xoghlijiet li kellhom jitwettqu, tant hu hekk li fil-mori ta' din il-kawza l-partijiet lahqu ftehim bejniethom dwar il-kumplament ta' xoghol li kellu jitlesta. Ghalhekk, il-mertu ta' din il-kawza kien wiehed

purament civili u ma kienx hemm l-elementi tar-reat ta' misapproprjazzjoni. Kienet izjed is-sens ta' frustrazzjoni ta' Ellul ghan-nuqqas ta' tlestija tax-xoghol li wasslitu jaghmel il-kwerela kontra Galea. Illum il-kwistjoni hi risolta, u l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiehu aktar konsiderazzjoni taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 293, 294, 310(1)(a) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah min kull akkuza.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**